REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1666

tal-10 ta' Novembru 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bil-għan li jiġi inkluż tip ġdid ta' fertilizzanti tal-KE fl-Anness I

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Manifattur tal-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku ("Ca-IDHA") ressaq talba permezz tal-awtoritajiet Pollakki lill-Kummissjoni biex tinżied entrata ġdida għall-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku (Ca-IDHA) fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Il-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku ġie żviluppat b'risposta għal talbiet mis-settur ortikulturali biex jiġu żviluppati alternattivi għas-sorsi eżistenti tal-kalċju, li jistgħu jwasslu, taħt ċerti kundizzjonijiet ta' użu, għal danni lill-weraq wara li jiġu applikati fuqhom.

(2) Il-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Għalhekk jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista tat-tipi ta' fertilizzanti tal-KE fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jiġi emendat kif skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

ANNESS

Fit-Tabella D tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, tiddaħħal ir-ringiela 2.3 li ġejja:

"2.3	kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku	Prodott akkwistat kimikament li jkun fih il-kelat tal-kalċju tal-aċidu imminodisuċċiniku bħala ingredjent essenzjali, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali	9 % CaO Kalċju espress bħala CaO, kelat bl-aċidu imminodisuċċiniku (IDHA) li jinħall fl-ilma.		Kalċju espress bħala CaO, kelat bl-aċidu imminodisuċċiniku (IDHA) li jinħall fl-ilma."